**Motivi u argumenti prinċipali**

Insostenn tar-rikors tagħha, ir-rikorrenti tinvoka tliet motivi.

1. L-ewwel motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni ta' preżunzjoni ġenerali bħala reazzjoni għall-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-iskop ta' investigazzjonijiet tal-Unjoni. Ir-rikorrenti tinvoka l-iżbalji segwenti:

   — l-iżball ta' liġi min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-eċċezzjonijiet ġenerali;

   — l-iżball ta' liġi min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-protezzjoni tal-iskop ta' investigazzjonijiet;

   — l-iżball ta' liġi u l-iżball manifest ta' evalwazzjoni min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-evalwazzjoni tal-interess pubbliku akbar li jiġi żgurat stħarriġ ġudizzjarju effettiv (Artikolu 47 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea); u

   — l-iżball ta' liġi min-naħa tal-Kummissjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tad-dritt fundamentali ta' access għal dokumenti (Artikolu 42 tal-Karta tad-Drittijiet Fundamentali tal-Unjoni Ewropea).

2. It-tieni motiv, ibbażat fuq żball ta' liġi u fuq żball manifest ta' evalwazzjoni fir-rigward tal-applikazzjoni tal-eċċezzjoni dwar il-protezzjoni tal-interessi kummerċjali.

3. It-tielet motiv, ibbażat fuq nuqqas ta' motivazzjoni fir-rigward tar-rifjut ta' aċċess għal verżjoni mhux kunfidenzjali jew ta' aċċess fil-post għad-dokumenti.

---

**Rikors ippreżentat fis-6 ta' Awissu 2015 – Trinity Haircare vs UASI – Advance Magazine Publishers (VOGUE)**

**(Kawża T-453/15)**

(2015/C 320/64)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Trinity Haircare AG (Herisau, l-Isvizzera) (rappreżentanti: J. Kroher u K. Bach, avukati)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Advance Magazine Publishers, Inc. (New York, l-Istati Uniti)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Proprjetarju tat-trade mark ikkontestata:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva bajda u sewda li tinkludi l-element verbali "VOGUE"– Trade mark Komunitarja Nru 9 944 547

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti għal dikjarazzjoni ta’ invalidità

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI tas-27 ta’ Mejju 2015 fil-Każ R 2436/2014-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiddikjara l-invalidità tat-trade mark Komunitarja Nru 009 944 547 VOGUE;

— tikkundanna lill-UASI u lill-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell għall-ispejjeż.

**Motivi invokati**

— ksur tal-Artikolu 7(1)(c) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 7(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009;

— ksur tal-Artikolu 52(1)(b) tar-Regolament Nru 207/2009.

---

**Rikors ippreżentat fl-10 ta’ Awwissu 2015 – Laboratories Ern vs UASI – Werner (Dynamic Life)**

**(Kawża T-454/15)**

(2015/C 320/65)

*Lingwa tar-rikors: l-Ingliż*

**Partijiet**

*Rikorrenti:* Laboratories Ern, SA (Barcelona, Spanja) (rappreżentant: M. Pérez Serres, avukat)

*Konvenut:* L-Uffiċċju għall-Armonizzazzjoni fis-Suq Intern (Trade marks u Disinni) (UASI)

*Parti oħra quddiem il-Bord tal-Appell:* Matthias Werner (Neufahrn, il-Ġermanja)

**Informazzjoni dwar il-proċedimenti quddiem l-UASI**

*Applikant:* il-parti l-oħra quddiem il-Bord tal-Appell

*Trade mark ikkontestata kkonċernata:* trade mark Komunitarja figurattiva bl-abjad, l-aħmar, l-oranġjo, l-isfar, l-aħdar u l-blu vjola li jinkludi l-elementi verbali “Dynamic Life” – Applikazzjoni għal reġistrazzjoni Nru 11 303 468

*Proċedimenti quddiem l-UASI*: proċedimenti ta’ oppożizzjoni

*Deċiżjoni kkontestata*: deċiżjoni tar-Raba’ Bord tal-Appell tal-UASI, tas-27 ta’ Mejju 2015, fil-Każ R 441/2014-4

**Talbiet**

— tannulla d-deċiżjoni kkontestata u tiċħad it-trade mark Komunitarja Nru 011303468 DYNAMIC LIFE & design fil-klassijiet 5 u 32;

— tikkundanna lill-UASI u lil Matthias Werner, fil-każ li jiddeċiedi li jintervjeni, għall-ispejjeż.